Il-Kummissjoni Ewropea



# Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025

Nibnu Unjoni li fiha jkollok il-libertà li tkun min tassew int

Skeda informattiva – Novembru 2020

#EU4LGBTIQ

*"M'iniex se nistrieħ fejn jidħol it-tiswir ta' Unjoni tal-Ugwaljanza. Unjoni fejn inti tista' tkun dak li inti u tħobb lil min trid - mingħajr il-biża' ta' kundanni jew diskriminazzjoni. Għaliex li tgħix ħajtek kif tixtieq mhix l-ideoloġija tiegħek. Hija l-identità tiegħek. U ħadd ma jista' qatt jeħodhielek."*



***Ursula von der Leyen***
***Il-President tal-Kummissjoni Ewropea***
L-Istat tal-Unjoni 2020

Pass pass, l-UE għamlet progress favur l-ugwaljanza tal-LGBTIQ tul l-aħħar snin, iżda d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ għadha magħna.

Fl-2019, **76 %** taċ-ċittadini tal-UE qalu li jemmnu li l-persuni lesbjani, gay u bisesswali għandu jkollhom drittijiet indaqs għall-persuni eterosesswali, meta mqabbel ma' 71 % fl-2015.

Madankollu **43 %** tal-persuni LGBT ħassewhom diskriminati fl-2019, meta mqabbel ma' 37 % fl-2012.

## Nippromwovu d-diversità fl-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea għandha viżjoni għal Unjoni Ewropea li fiha d-diversità tiġi ċċelebrata bħala parti mir-rikkezza kollettiva tagħna. Unjoni li fiha tista' tkun min tassew inti u tħobb lil min trid.

Fl-UE, kull persuna LGBTIQ għandha:

- Tkun sigura
- Ikollha opportunitajiet indaqs
- Tippartecipa bis-sħiħ fis-soċjetà

*Ġustizzja u Konsumaturi*

## L-ewwel strateġija tal-UE dwar l-LGBTIQ

Il-Kummissjoni qed tintensifika l-azzjoni biex tippromwovi Unjoni ta' Ugwaljanza għal kulħadd billi tadotta l-ewwel strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ. Din tistipula għadd ta' objettivi ewlenin fuq erba' pilastri li għandhom jinkisbu sal-2025:

### 1. Nindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ

- Insaħħu u ntejbu l-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni
- Nippromwovu l-inklużjoni u d-diversità fil-post tax-xogħol
- Niġġieldu l-inugwaljanza fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fil-kultura u fl-isport
- Inħarsu d-drittijiet tal-applikanti LGBTIQ għal protezzjoni internazzjonali

### 2. Niżguraw is-sikurezza tal-persuni LGBTIQ

- Insaħħu l-protezzjoni legali tal-persuni LGBTIQ kontra r-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza
- Insaħħu l-miżuri biex nikkumbattu d-diskors ta' mibegħda online kontra l-persuni LGBTIQ u d-diżinformazzjoni
- Nirrapportaw ir-reati ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ u niskambjaw l-aħjar prattiki
- Nipproteġu u nippromwovu s-saħħa fiżika u mentali tal-persuni LGBTIQ

### 3. Nibnu soċjetajiet inklużivi għall-persuni LGBTIQ

- Niżguraw li l-persuni LGBTIQ f'sitwazzjonijiet transfruntiera jkollhom id-drittijiet
- Intejbu l-protezzjoni legali għall-familji qawsalla f'sitwazzjonijiet transfruntiera
- Intejbu r-rikonoxximent tal-persuni trans u nonbinarji, u intersesswali
- Inrawmu ambjent faċilitattiv għas-soċjetà ċivili

### 4. Immexxu l-għajta għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ madwar id-dinja

- Insaħħu l-impenn tal-UE favur kwistjonijiet LGBTIQ fir-relazzjonijiet esterni kollha tagħha





### L-Ugwaljanza tal-LGBTIQ fil-politiki tal-UE: Integrazzjoni

Il-Kummissjoni se tintegra l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li taffettwa l-persuni LGBTIQ fil-politiki kollha tal-UE.

*Kburi li jien intersesswali. Hija biss kwistjoni ta' żmien sa ma kulħadd ikun sema' dwarha u jifhem li s-sess bijoloġiku mhuwiex binarju. Se jgħaddi aktar żmien biex in-nies jaċċettaw li kulħadd huwa liberu li jagħżel kif jidentifika ruħu.*

***Persuna intersesswali, 35 sena, tgħix l-Iżvezja***

*Ġejt attakkat fil-kantuniera tat-triq tiegħi minn grupp irġiel, sempliċiment għax kont qed inżomm idejn il-maħbub tiegħi ta' dak iż-żmien.*

***Raġel gay, ta' 28 sena, li jgħix il-Ġermanja***

*Marti u jien ixxurtjati li ngħixu maż-żewġ uliedna bħala familja rikonoxxuta fil-Belġju. Iżda malli naqbżu l-fruntiera ta' pajjiżna, ma jibqgħux iqisuna familja. Din tinkwetana l-ħin kollu. Li kieku kellu jiġrili xi ħaġa, marti ssibha diffiċli ħafna biex id-drittijiet tagħha fir-rigward ta' wliedna jiġu rikonoxxuti.*

***Koppja lesbjana Slovakka-Rumena, b'żewġt itfal, li jgħixu fil-Belġju***

Testimonjanzi mill-istħarriġ FRA tal-2019, miġbura mill-Kummissjoni Ewropea

© L-Unjoni Ewropea, 2020
L-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa permess, dment li jingħata kreditu xieraq u kwalunkwe tibdil ikun indikat (liċenzja internazzjonali Creative Commons Attribuzzjoni 4.0).
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex tal-UE, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.
L-istampi kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

PDF ISBN 978-92-76-24996-2 doi:10.2838/500 DS-03-20-720-MT-N
PRINT ISBN 978-92-76-25066-1 doi:10.2838/060247 DS-03-20-720-MT-C